**Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, dwar il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021**

Nhar il-Ħamis, 24, u l-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju 2021 iltaqa' l-Kunsill Ewropew.

Fuq l-aġenda tal-Kunsill Ewropew kien hemm:

1. Il-COVID-19;
2. L-irkupru ekonomiku;
3. L-immigrazzjoni;
4. Ir-relazzjonijiet esterni, b'enfasi fuq ir-relazzjonijiet mat-Turkija, il-Libja, ir-Russja u l-Etjopja u s-sitwazzjoni fil-Mali u l-Belarussja; u
5. Is-*cybersecurity*.

Mat-temi li kien hemm diġà fuq l-aġenda qamet ukoll diskussjoni dwar l-iżviluppi dwar id-drittijiet ta' persuni LGBTIQ+ fl-Ungerija u bħala mexxejja Ewropej kellna wkoll diskussjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Antonio Guterres.

Se nibda mill-punt fuq dak li ġara fl-Ungerija. Irrid ngħid li din kienet waħda mid-diskussjonijiet l-iktar emottivi li attendejt għalihom s'issa fil-Kunsill Ewropew. Diskussjoni dwar liġijiet promulgati mill-Gvern Ungeriż – terġa' u tgħid, emendi għal liġijiet li diġà kienu jeżistu - u li ħolqu kontroversja għaliex tefgħu fl-istess kejl żewġ affarijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin. Kien hemm saħansitra mexxej li rrakkonta l-esperjenzi personali tiegħu. Meta tibda tisma' ċerti rakkonti ta' esperjenzi tiftakar u tirrealizza iktar kemm bl-avvanzi kbar li għamel pajjiżna f'dan il-qasam bdilna għall-aħjar il-ħajja ta' ħafna u ħafna persuni.

Il-bidliet kbar li mexxejna 'l quddiem bħala gvern progressiv taw ħajja dinjituża lil bosta persuni u familji u llum tant dan hu rikonoxxut madwar il-kontinent li l-ewwel Kummissarju Ewropew responsabbli mill-ugwaljanza hi ta' nazzjonalità Maltija. Quddiem il-Kunsill, Sur President, ftaħart li aħna *champions* f'dan il-qasam u kburi ħafna b'dan. (Onor. Membri: *Hear, hear*)

Bħala pajjiż ninsabu fil-quċċata fejn jidħlu drittijiet ta' persuni LGBTIQ+. It-*track record* tagħna jitkellem waħdu u llum huwa xhieda tal-valuri u t-twemmin tagħna bħala poplu. Għalina, id-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru mhi aċċettabbli fl-ebda pajjiż, b'mod partikolari fl-Unjoni Ewropea għaliex dan huwa dritt fundamentali.

Id-direzzjoni fil-messaġġ li tajna aħna bħala pajjiż quddiem il-Kunsill kienet biex ikun hemm djalogu, biex nifhmu s-sensitivitajiet ta' kull settur tas-soċjetà, u flok nikkundannaw lil xulxin, ngħinu kemm nistgħu biex nippromwovu l-ugwaljanza. Kienet diskussjoni li f'parti kbira minnha kienet *confrontational.* Aħna bqajna nagħmlu l-pożizzjoni tagħna b'mod mill-aktar ċar, kemm aħna b'saħħitna dwar id-drittijiet ċivili. Imma l-appell tagħna kien biex madwar il-mejda kemm jista' jkun jitnaqqas il-konfront. Malta se tibqa' ssaħħaħ dan il-qasam bl-azzjonijiet tagħha.

Kien għalhekk ukoll li ma' 15-il mexxej ieħor ta' pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea, iffirmajt ittra indirizzata lill-Presidenti tal-Istituzzjonijiet Ewropej fl-okkażjoni tal-Pride Day. Ittra li fiha kkommettejna li nkomplu nsaħħu l-impenn tagħna biex niddefendu d-drittijiet ta' persuni

LGBTIQ+ bl-għan li jiġi assigurat li l-ġenerazzjonijiet futuri jgħixu f'ambjent ta' tolleranza u ugwaljanza.

Intant, mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, tkellimna dwar sfidi bħal dawk miġjuba mill-COVID-19, il-multilateraliżmu u l-koperazzjoni globali.

Kif kien mistenni, anke fid-dawl tat-tmiem tal-Konferenza ta' Berlin dwar il-proċess ta' stabbilizzar u paċi fil-Libja lejlet is-*summit* Ewropew, din kienet tema msemmija minn diversi mexxejja.

Dan kien punt li tħadditt dwaru jien ukoll, speċjalment dwar il-bżonn li nitkellmu mal-Gvern Libjan biex nifhmu l-bżonnijiet tiegħu u x'għandu jkun il-kontribut tagħna biex dan il-pajjiż jistabbilizza ruħu.

Ninnota b'sodisfazzjon li dwar din il-materja l-ħsibijiet tal-Gvern Malti u dawk tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kienu simili ħafna. Nemmnu li l-Libja għandha bżonn iżjed investiment u azzjonijiet konkreti biex tkompli tistabbilizza.

Indur issa fuq l-ewwel punt fuq l-aġenda formali tal-Kunsill, li naturalment kien il-pandemija tal-COVID-19.

Bħala Kunsill Ewropew ilqajna l-progress pożittiv fil-programm ta' tilqim u nnutajna t-titjib ġenerali fis-sitwazzjoni tal-infezzjonijiet.

Fl-isfond ta' dan u ta' Malta bħala l-ewwel pajjiż li laħaq il-*herd immunity*, fid-diskussjoni dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE tkellimt dwar kif dan għandu jkun għodda importanti, primarjament biex pajjiżi bħal Malta jkomplu jsaħħu l-ekonomija bit-turiżmu.

Is-settur tat-turiżmu ma jistax jibqa' staġnat u dwar dan kien hemm qbil tista' tgħid ġenerali, partikolarment minn dawk il-pajjiżi li huma dipendenti fuq din l-industrija. Fl-istess ħin bl-implimentazzjoni ta' dan iċ-ċertifikat, iċ-ċittadini se jerġgħu jgawdu mid-drittijiet tagħhom tal-moviment ħieles u fl-istess ħin nieħdu ħsieb saħħet in-nies. Għalhekk irridu nkomplu bl-isforzi ta' tilqim u naħdmu b'mod koordinat biex nibqgħu viġilanti, partikolarment fejn jidħol it-tixrid ta' varjanti.

F'Malta għaddejjin ukoll bil-preparamenti neċċessarji biex jitħaddem dan iċ-ċertifikat li se jiffaċilita l-ivvjaġġar sikur bejn il-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Wara li konna wieħed mill-ewwel pajjiżi li beda s-sistema lokali ta' ċertifikat tal-vaċċin, inħarsu 'l quddiem biex issa ningħaqdu ma' din is-sistema.

Kien hemm qbil ċar li rridu nużaw it-tagħlimiet li ħadna minn din il-pandemija. Il-Kummissjoni Ewropea diġà ħejjiet rapport u bħala mexxejja stedinna lill-Presidenza li jmiss biex tmexxi lill-Kunsill fit-tisħiħ tat-tħejjija tiegħu biex tiżdied il-kapaċità ta' rispons, reżiljenza kollettiva u biex titħares il-funzjoni tas-suq intern fi kriżijiet futuri, naturalment jekk jerġa' jkun hemm xi kriżi.

Fid-diskussjoni dwar il-pandemija, bħala mexxejja, irriafermajna mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni Ewropea għas-solidarjetà globali b'rispons għall-pandemija. Dan billi titħaffef il-produzzjoni tal-vaċċin sabiex nissodisfaw il-ħtiġijiet internazzjonali.

Dwar dan il-punt fuq l-aġenda, finalment ilqajna d-deċiżjoni adottata mill-74 Assemblea Dinjija tas-Saħħa li titlaqqa' sessjoni speċjali tal-istess Assemblea f'Novembru li ġej biex tiffoka dwar il-Qafas ta' Konvenzjoni dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji. Diskussjoni li dwarha kkonkludejna wkoll li bħala Unjoni Ewropea se nkomplu naħdmu lejn trattat internazzjonali dwar il-pandemiji.

It-tieni punt fuq l-aġenda ġabna għat-tema tal-irkupru ekonomiku.

Sur President, sodisfatt ngħid l-ekonomija tagħna reġgħet bdiet taqbad ir-ritmu għaliex bħala Gvern qegħdin immexxu lil pajjiżna waqt pandemija b'ħila u b'effiċjenza. Dan mhux qed ngħiduh aħna, iżda qed tgħidu l-esperjenza ta' min iħaddem, li l-isfida tagħhom illum hija kif se jsibu iżjed ħaddiema. Illum għandna s-serħan il-moħħ li l-previżjonijiet dwar kemm eluf kbar ta' persuni f'pajjiżna kienu se jispiċċaw bla impjieg ma seħħewx.

Però dan ma jneħħi xejn mill-importanza tal-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza b'fondi Ewropej li t-Tnejn li għadda kien approvat mill-Kabinett u li jingħaqad mad-diversi inizjattivi li ħadna biex inħarsu l-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin.

B'finanzjament ta' aktar minn €320 miljun, dan il-pjan ġie diskuss anke mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, l-MCESD, u mal-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, bil-pass li jmiss issa se jkun li nissottomettuh b'mod formali lill-Kummissjoni Ewropea għall-approvazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni jkollha xahrejn żmien biex tkun tista' tagħmel xi emendi għal dan il-pjan.

Dwar il-fondi minn Next Generation EU żammejna diskussjonijiet informali dwar l-użu tagħhom, li bqajna għaddejjin bihom sakemm konna sodisfatti bil-pakkett finali. Kien hemm min qal li domna ftit. Domna ftit għaliex l-ewwel nett permezz ta' dawn il-fondi, li huma parti mill-pakkett li nnegozjajna f'Lulju 2020 u li kien l-akbar wieħed li qatt ġie allokat lil pajjiżna, se nkomplu nistimulaw l-ekonomija skont il-prijoritajiet ta' pajjiżna. Prijoritajiet li għal Malta huma t-tranżizzjoni diġitali, l-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima flimkien mal-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni.

Dwar dan il-pjan ta' rkupru, Sur President, bħala mexxejja Ewropej ħeġġiġna lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq dawn il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u reżiljenza biex jiġu approvati ħalli l-Istati Membri, bħal Malta, ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ minnhom. Għalhekk qbilna dwar l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha li fl-istess ħin tħares ukoll l-interess finanzjarju tal-Unjoni.

It-tielet punt fuq l-aġenda – ieħor tematiku ferm għal pajjiżna – kien l-immigrazzjoni, b'enfasi fuq id-dimensjoni esterna ta' din il-materja.

Dwar dan is-suġġett, Sur President, tennejt li jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tgħaddi minn kliem u dikjarazzjonijiet għal azzjoni konkreta.

L-immigrazzjoni irregolari mhijiex sfida għall-Ewropa biss u kien għalhekk li bħala Malta, mill-bidu nett dejjem sħaqna dwar il-bżonn li pajjiżi ta' tranżitu, bħal-Libja, jiġu megħjuna biex isaħħu l-kontroll tal-fruntieri tagħhom, partikolarment fil-każ tal-Libja s-*southern border* tagħha.

Il-pożizzjoni ta' Malta dejjem kienet li dawn il-pajjiżi ta' tranżitu, li allura huma stess għandhom il-problema tal-immigrazzjoni, għandhom jingħataw l-għajnuna u l-mezzi kollha biex jieħdu ħsieb il-fruntieri tagħhom. Dan sabiex ikun hemm kontrolli kontra dawk il-kriminali li jittraffikaw il-bnedmin biex fl-aħħar mill-aħħar jonqos it-telf ta' ħajjiet fil-Mediterran.

Matul din id-diskussjoni tkellimt mal-bqija tal-mexxejja Ewropej dwar il-ftehim li għamilna bħala Gvern Malti mal-awtoritajiet Libjani s-sena li għaddiet. Ftehim li qed naraw ir-riżultati tiegħu għaliex wassal għal sforz ikbar mill-awtoritajiet Libjani sabiex jitrażżan it-traffikar tal-bnedmin. Is-sitwazzjoni tal-immigrazzjoni irregolari iżda għadha waħda fraġli u wieħed ma jkunx għaqli jekk jipprova jagħti xi forma ta' garanzija ta' dak li se jiġri matul il-kumplament tas-sena. Iżda bla dubju li din l-istrateġija qed taħdem u għalhekk nemmnu li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jagħtu l-għajnuna tagħhom huma wkoll, biex fl-aħħar mill-aħħar ikun hemm approċċ koordinat. Persważ li flimkien, mhux Malta biss iżda flimkien bħala Unjoni Ewropea, nistgħu nagħtu sostenn ħafna akbar sabiex jiġu megħluba t-traffikanti tal-bnedmin.

Fil-fatt, bħala Mexxejja qbilna wkoll li se tkun intensifikata l-kooperazzjoni li minnha jibbenefika b'mod reċiproku l-pajjiż ta' oriġini u ta' tranżitu, bħala parti mill-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea. L-istil li se nieħdu se jkun wieħed flessibbli u mfassal apposta biex b'mod koordinat jiġu użati l-istrumenti u l-inċentivi kollha disponibbli tal-Unjoni u tal-Istati Membri b'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNCHR u l-IOM.

Dwar il-Libja, bħala Kunsill appellajna lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli Borel biex, b'ħidma mill-qrib mal-Istati Membri, iressqu pjanijiet ta' azzjoni għall-pajjiżi ta' oriġini u tranżitu fil-ħarifa ta' din is-sena. Pjanijiet li jindikaw b'mod ċar l-objettivi u jressqu 'l quddiem aktar miżuri ta' appoġġ fi żmien konkret.

Kif għidt aktar kmieni, Sur President, dwar din ir-relazzjoni ddiskutejna ukoll mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Hemmhekk enfasizzajna l-importanza tal-implimentazzjoni tal-ftehim tal-waqfien mill-ġlied u li jingħata appoġġ lill-awtoritajiet Libjani sakemm isiru l-elezzjonijiet li huma pprospettati li jsiru fl-24 ta' Diċembru ta' din is-sena.

Bħala Malta sostnejna li l-aspirazzjoni ta' Libja stabbli u sigura mhijiex biss aspirazzjoni Maltija jew Libjana, iżda għandha tkun għan fl-Ewropa kif ukoll fuq livell globali.

Kif jindikaw il-konklużjonijiet, imbagħad id-diskussjoni dwar ir-relazzjonijiet esterni kompliet b'dibattitu strateġiku dwar ir-Russja, dwar it-Turkija, l-Etjopja kif ukoll dwar is-sitwazzjoni fil-Belarussja u fil-Mali. Temi li dwarhom Malta kienet promotur ta' linja ta' ħsieb li tippromwovi djalogu u tevita l-eskalazzjoni ta' tensjonijiet.

Finalment, fl-aħħar punt fuq l-aġenda, bħala mexxejja kkundannajna s-*cyber activities* malizjużi riċenti kontra l-Istati Membri, inkluż fl-Irlanda u fil-Polonja, u stedinna lill-Kunsill jesplora miżuri addattati fil-qafas tas-*cyber diplomacy toolbox.*

Sur President, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-konklużjonijiet kif adottati mill-Kunsill.

Fl-aħħar nett Sur President, apparti l-Kunsill Ewropew u l-laqgħa li kellna mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, kif semmejt aktar qabel, kellna wkoll is-*Summit* taż-Żona

Ewro. Matul din id-diskussjoni ffokajna speċjalment dwar is-sitwazzjoni u l-progress f'dak li għandu x'jaqsam mal-Unjoni Bankarja u Kapitali. Qbilna li nkomplu naħdmu fuq dawn biex insaħħu r-reżiljenza tal-Unjoni Ewropea.

Fuq il-Mejda tal-Kamra qed inpoġġi wkoll l-i*statement* adottat f'din il-parti tal-laqgħa tal-mexxejja. Grazzi. (Onor. Membri: *Hear, hear*)